



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-276/14

**Gmina Wrocław**  
vs  
**Minister Finansów**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 9(1) — Artikolu 13(1) — Persuni taxxabbli — Interpretazzjoni tal-kliem ‘b’mod indipendenti’ — Organu komunal — Attivitajiet ekonomiċi mwettqa minn entità organizzattiva komunal fi kwalità barra minn dik ta’ awtorità pubblika — Possibbiltà li din l-entità tiġi kklassifikata bħala ‘persuna taxxabbli’ fis-sens tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 — Artikoli 4(2) u 5(3) TUE”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tad-29 ta’ Settembru 2015

1. Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Persuni taxxabbli — Kunċett — Interpretazzjoni awtonoma u uniformi  
(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 9(1))
2. Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Persuni taxxabbli — Kunċett — Organi rregolati mid-dritt pubbliku li ma jeżerċitawx attività ekonomika b’mod indipendent — Esklużjoni  
(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 9(1))
3. Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Attivitajiet ekonomiċi mwettqa b’mod indipendenti fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/112 — Kriterji ta’ evalwazzjoni  
(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 9(1))
4. Domandi preliminari — Interpretazzjoni — Effetti ratione temporis tas-sentenzi ta’ interpretazzjoni — Effetti retroattivi — Limitazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja — Kundizzjonijiet (Artikolu 267 TFUE)
  1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punti 26, 27)

MT

2. L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li organi rregolati bid-dritt pubbliku ma jistgħux jiġi kklassifikati bħala persuni suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud peress li ma jissodisfawx il-kriterju ta' indipendenza previst f'din id-dispożizzjoni.

L-entitajiet baġitarji komunali li jwettqu l-attivitajiet ekonomiċi li huma assenjati lilhom f'isem u għal komun, li huma ma jwieġbux għad-danni kkawżati mill-attivitajiet tagħhom, peress li dan il-komun jassumi tali responsabbiltà waħdu, u li ma jgorrux ir-riskju ekonomiku relatat mat-twettiq tal-imsemmija attivitajiet peress li huma ma għandhomx patrimonju tagħhom, ma jiġġenerawx dħul tagħhom u ma jsostnux l-ispejjeż relatati ma' dawn l-attivitajiet, peress li d-dħul imur fil-baġit tal-komun u l-ispejjeż imorru direttament fuq il-baġit ta' dan il-komun, ma jissodisfawx il-kriterju ta' indipendenza, fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112, u, b'hekk, ma jistgħux jiġi kklassifikati bħala persuni taxxabbi.

(ara l-punti 37, 38, 42 u d-dispożittiv)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 33, 34)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 44-46)